Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Informazzjoni AstraZeneca

## Il-Vaċċin AstraZeneca

Hemm rabta bejn il-vaċċin AstraZeneca u kundizzjoni rari, li tinvolvi tagħqid tad- demm u livelli baxxi ta' platelets fid-demm. Il-kundizzjoni tissejjaħ Trombożi bis-sindromu ta' trombocitopenja (TTS).

It-tilqim kontra l-COVID-19 huwa rrakkomandat għall-adulti kollha. Il-vaċċin Pfizer huwa l-vaċċin ippreferut kontra l-COVID-19 għall-adulti taħt is-60 sena. Madankollu, adulti taħt is-60 sena xorta jistgħu jagħżlu li jirċievu l-vaċċin AstraZeneca. Kellem lit-tabib tiegħek biex jgħinek tieħu d-deċiżjoni tiegħek.

Il-vaċċin AstraZeneca ser jingħata lil persuni ta' 60 sena jew aktar.

### X'inhi Trombożi bis-sindromu trombocitopenja (magħrufa bħala TTS)?

Trombożi tfisser tagħqid tad-demm.

Trombocitopenja tfisser livelli baxxi ta' platelits fid-demm.

TTS huwa effett sekondarju rari u potenzjali tal-vaċċin AstraZeneca. Jekk jiġri dan, jista' jkun serju u jista' jikkawża diżabilità jew mewt. TTS jikkawża tagħqid tad-demm, li jistgħu jkunu f'partijiet differenti tal-ġisem. Jista' jikkawża wkoll livelli baxxi ta' platelets fid-demm, li jistgħu jwasslu għal ħruġ tad-demm. Ma hemm l-ebda rabta bejn il-vaċċin Pfizer u TTS.

### Meta jiġri t-TTS?

Il-każijiet irrappurtati ta' TTS seħħew bejn 4 sa 42 jum wara t-tilqima, ġeneralment bl-ewwel doża tal-vaċċin AstraZeneca.

### Kemm hu komuni t-TTS?

It-TTS huwa rari. Bħalissa huwa stmat li jaffettwa madwar 1-2 persuni minn kull 100,000 li jirċievu l-vaċċin tal-COVID-19 AstraZeneca. Imma għal dawk taħt is-60 sena, ir-rata hija stmata li hija ogħla f’madwar 2-3 persuni minn kull 100,000 persuna. Dawn l-istimi se jiġu aġġornati hekk kif tinkiseb aktar informazzjoni.

### Hemm xi gruppi li qegħdin f’aktar riskju tat-TTS?

It-TTS jidher li huwa aktar komuni fost adulti iżgħar, għalkemm ġie rrappurtat fost xi adulti akbar fl-età. Ma nafux jekk hemmx xi kundizzjonijiet mediċi eżistenti minn qabel li jistgħu jikkontribwixxu għat-tagħqid tad-demm. Ir-riċerkaturi qed jinvestigaw dan.

## X'inhuma s-sintomi tat-TTS?

It-TTS jista' jikkawża xi wħud mis-sintomi li ġejjin:

- uġigħ ta' ras qawwi kontinwu li:
  - jidher mill-inqas 2 ijiem *wara* t-tilqima
  - ma jtaffix b'medikazzjoni sempliċi għall-uġigħ
  - jista' jkun agħar meta timtedd
- dardir u rimettar
- vista mċajpra
- diffikultà biex titkellem
- ngħas
- aċċessjonijiet
- issibha bi tqila biex tieħu nifs
- uġigħ fis-sider
- nefħa f'riġlek
- uġigħ fl-istonku kontinwu
- tikek żgħar tad- demm taħt il-ġilda 'il bogħod mis-sit tal-injezzjoni.

Jekk inti jew persuna oħra jkollok xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji serji wara li tirċievi tilqima kontra l-COVID-19, għandek iċċempel 000 minnufih.

## Il-benefiċċji tal-vaċċin AstraZeneca huma akbar mir-riskji?

Iva. Il-benefiċċji tat-tilqim huma akbar mir-riskji, speċjalment għall-anzjani li għandhom riskju ogħla li jimirdu gravament mill-COVID-19.

## X' jiġri jekk inti taħt is-60 sena u int ibbukkjat biex tirċievi l-ewwel doża tiegħek tal-AstraZeneca?

Jekk inti bbukkjat għall-ewwel doża tal-vaċċin AstraZeneca u għandek inqas minn 60 sena, kellem lit-tabib tiegħek. Dawn ser jgħinuk tiddeċiedi jekk għandekx tieħu l-vaċċin.

## X' jiġri jekk irċevejt l-ewwel doża tiegħek ta' AstraZeneca u wasalt biex tieħu t-tieni doża tiegħek?

Kważi l-każijiet kollha rrappurtati tat-TTS seħħew wara l-ewwel doża tal-vaċċin tal-COVID-19. AstraZeneca. Jekk ma kellekx effetti sekondarji severi wara l-ewwel doża tiegħek tat-tilqima AstraZeneca, tista' isserraħ rasek u tieħu t-tieni doża tiegħek, anki jekk inti taħt is-60 sena.

## Il-vaċċin AstraZeneca huwa sigur għal nies li fil-passat kellhom tagħqid tad-demm?

Jekk fil-passat kellek tipi oħra ta' tagħqid tad-demm, jew tinsab f'riskju ta' tagħqid tad-demm, xorta waħda tista' tirċievi l-vaċċin AstraZeneca. M'hemm l-ebda evidenza li jekk wieħed kellu tagħqid tad-demm qabel, dan iżid ir-riskju tat-TTS wara l-vaċċin tal-AstraZeneca.

## Għal aktar informazzjoni

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-vaċċin AstraZeneca, kellem lit-tabib tiegħek, żur is-sit www.health.gov.au/covid19-vaccines-languages, jew ċempel il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna tal-Coronavirus fuq 1800 020 080. Għal servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni ċempel 131 450.